





DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

dwar l-Fehim ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà previsti fil-Pakkett dwar l-Iġjene

Mistoqsijiet Frekwenti

Linji gwida għall-operaturi tan-negozju tal-ikel





IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
SEC(2010) 985 Revision of 2023
[...] (2023) XXX Final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**dwar il-Fehim ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà previsti fir-Regolamenti
dwar l-Iġjene
Mistoqsijiet Frekwenti
Linji Gwida għall-operaturi ta' negozju tal-ikel**

Li jakkumpanja d-dokument

**Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene tal-
oġġetti tal-ikel u**

**Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi
ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali**

Dikjarazzjoni ta' çahda ta' responsabbiltà: dan id-Dokument ta' #idma tal-Persunal tal-Kummissjoni mhux neċċessarjament jirrifletti l-fehma tal-Kummissjoni

1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument għandu jservi bħala bażi għal fehim aħjar ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-flessibbiltà previsti fir-Regolamenti dwar l-Iġjene u jwassal għal użu aħjar ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri. Għandu jiġi enfasizzat li l-flessibbiltà tar-Regolamenti dwar l-Iġjene ma hijiex limitata għall-punti msemmija f'dan id-dokument.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li dan id-dokument ikopri biss ir-regoli skont ir-Regolamenti dwar l-Iġjene u mhux il-leġiżlazzjoni rilevanti l-oħra bħar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali, il-kontrolli tar-residwi u t-tikkettar. Għalhekk, l-Awtoritajiet Kompetenti tiegħek għandhom jiġu kkuntattjati sabiex jinftehm u bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet rilevanti applikabbli għall-attività tiegħek fl-oqsma differenti.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà li jinsabu fir-Regolamenti dwar l-Iġjene joffru l-possibbiltajiet:

- li jingħataw:
 - (i) **derogi/eżenzjonijiet** minn ċerti rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi tar-Regolamenti dwar l-Iġjene;
 - (ii) **adattamenti** ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi tar-Regolamenti dwar l-Iġjene;
- li jiġu **esklużi** xi attivitajiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene.

Meta jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà, l-Istati Membri għandhom b'mod ġenerali jadottaw miżuri nazzjonali.

Il-prinċipji ewlenin għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà huma s-sussidjarjetà u t-trasparenza:

- abbażi tal-prinċipju tat-trasparenza, kull abbozz ta' tali miżuri nazzjonali jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn;
- abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex isibu soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet lokali.

Dawn il-Linji Gwida għandhom jintużaw flimkien mad-Dokumenti ta' gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene:

- Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 (rekwiżiti ġenerali tal-iġjene);
- Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (rekwiżiti ta' iġjene speċifiċi għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali);
- Avviż tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi għall-immaniġġar tas-sikurezza tal-ikel li jkopru l-Prattiki tal-Iġjene Tajba u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, inkluż il-faċilitazzjoni/il-flessibbiltà tal-implimentazzjoni f'ċerti negozji tal-ikel (2022/C 355/01);

- Avviż tal-Kummissjoni li jipprovdi gwida dwar is-sistemi tal-immaniġġar tas-sikurezza alimentari għal attivitajiet tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel, inkluż donazzjonijiet tal-ikel (2020/C 199/01).

It-terminoloġija u r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà, huma spjegati f'dawn id-dokumenti ta' gwida li huma ppubblikati fuq is-sit web tad-DĠ SANTE fuq il-link li ġejja:

https://food.ec.europa.eu/safety/biological-safety/food-hygiene/guidance-platform_en

Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lid-dokument “Understanding of certain provisions on flexibility provided in the Hygiene Regulations - Guidelines for competent authorities” żviluppat b'mod parallel ma' dan id-dokument ta' mistoqsijiet frekwenti.

It-termini tekniċi speċifiċi użati f'dan id-dokument u għall-finijiet ta' dan id-dokument jistgħu jinstabu fit-tabella ta' hawn taħt.

Terminu tekniku	Fehim
Ir-Regolamenti dwar l-Iġjene	Ir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004
Ir-rekwiżiti ġenerali tal-UE dwar l-Iġjene	Ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004
Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-UE dwar l-Iġjene	Ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004

L-aktar verżjonijiet reċenti tar-Regolamenti dwar l-Iġjene jistgħu jintgħażlu billi ddaħħal is-sena (2004) u n-numru (852 jew 853) u tagħżel “Regolament” fuq <https://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt> . Imbagħad ikklikkja fuq “Verżjoni kkonsolidata kurrenti” u ssib il-verżjoni applikabbli fil-lingwi kollha tal-UE.

2. MISTOQSIJET U TWEĠBIET

2.1. Ikel tradizzjonali

Mistoqsija 1:

“Hemm tradizzjoni twila ta' produzzjoni tal-ġobon f'pajjiżi. Il-materja prima hija l-ħalib tan-nagħaġ u l-ġobon jiġi prodott fir-razzett li jinsab fil-muntanji. Minħabba l-mod tradizzjonali ta' produzzjoni (fl-għarajjex tan-nagħaġ f'altitudni għolja fuq il-muntanji), huwa diffiċli — kważi impossibbli — li dawn il-postijiet jikkonformaw mar-regoli tal-UE. Barra minn hekk, huwa diffiċli li tinkiseb konformità sħiħa mar-regoli għat-trasport ta' dawn il-prodotti mill-muntanji sal-ħwienet lokali. L-UE qiegħda tipprojbixxi l-produzzjoni ta' dawn il-prodotti?”

TWEĠIBA:

Le, l-UE tirrikonoxxi l-oġġetti tal-ikel tradizzjonali bħala wirt preżżjuż u mhux sostitwibbli tal-Istati Membri u, għalhekk, anke bħala wirt tal-Unjoni Ewropea. Din hija r-raġuni għaliex ir-Regolamenti dwar l-Iġjene jipprovdu flessibbiltà speċjalment għall-produzzjoni ta' dan it-tip ta' prodotti bil-kundizzjoni li l-prodott ikun sikur.

Għar-regoli għall-produzzjoni tal-ġobon fir-razzett ara l-mistoqsija 8.

Mistoqsija 2:

*“Meta nista’ nqis l-ikel li nipproduċi bħala **ikel b’karatteristiċi tradizzjonali** u x’derogi jistgħu jingħataw lil tali ikel?”*

TWEĠIBA:

Ikel b’karatteristiċi tradizzjonali huwa ikel li tradizzjonalment jiġi manifatturat fl-Istati Membri li huwa:

- (a) rikonoxxut storikament bħala prodott tradizzjonali, jew
- (b) manifatturat skont referenzi tekniċi reġistrati għall-proċess tradizzjonali, jew skont metodi ta’ produzzjoni tradizzjonali, jew
- (c) protett bħala prodott tal-ikel tradizzjonali mid-dritt tal-UE¹, nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Għal dan it-tip ta’ ikel, il-leġiżlazzjoni tal-UE tippermetti lill-Istati Membri **jagħtu derogi** minn:

- rekwiżiti ġenerali tal-iġjene fil-bini fejn tali prodotti jkunu esposti għal ambjent meħtieġ għall-iżvilupp tal-karatteristiċi tagħhom (b’mod partikolari ħitan, soqfa u bibien li ma jkunux lixxi, impermeabbli, mhux assorbenti jew ta’ materjal reżistenti għall-korruzzjoni u ħitan, soqfa u pavimenti ġeoloġiċi naturali);
- il-miżuri ta’ tindif u ta’ diżinfazzjoni għal tali postijiet u l-frekwenza li bihom isiru bil-għan li titqies il-flora ambjentali speċifika tagħhom;
- ir-rekwiżiti dwar il-materjali li minnhom huma magħmulin l-istrumenti u t-tagħmir użati speċifikament għall-preparazzjoni, għall-imballaġġ u għat-tgeżwir ta’ dawn il-prodotti. L-istrumenti u t-tagħmir dejjem iridu jinżammu f’ stat sodisfaċenti ta’ iġjene u jridu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment.

Fil-każ li l-prodott tiegħek jissodisfa r-rekwiżiti msemmija hawn fuq u trid tkun taf kif tiġi applikata l-flessibbiltà f’pajjiżek, għandek tikkuntattja lill-awtorità kompetenti.

Mistoqsija 3:

*“Hemm aktar flessibbiltà jekk jintużaw **metodi ta’ produzzjoni tradizzjonali**?”*

TWEĠIBA:

Iva. Jekk l-ikel jiġi prodott b’mod tradizzjonali fl-Istati Membri u jkun hemm il-ħtieġa li jiġi adattati rekwiżiti oħra minbarra dawk imsemmija fit-Tweġiba għall-Mistoqsija 2, il-leġiżlazzjoni tal-UE tippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali sabiex **jadattaw ir-rekwiżiti** fir-Regolamenti dwar l-Iġjene.

¹ Fir-rigward tal-ikel b’karatteristiċi tradizzjonali protett mid-dritt tal-UE, l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti (STG) irreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 509/2006 u d-denominazzjonijiet ta’ oriġini protetti (DOP) u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) prodotti b’mod tradizzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 510/2006 jistgħu jikkwalifikaw għad-derogi inkwistjoni.

F'każ li l-metodu ta' produzzjoni, ipproċessar jew distribuzzjoni tal-ikel tiegħek ikun tradizzjonali, u trid tkun taf kif tiġi applikata l-flessibbiltà f'pajjiżek, għandek tikkuntattja lill-awtorità kompetenti.

2.2. Laħam u Prodotti tal-Laħam

Mistoqsija 4:

*“Jien għandi **ħanut tal-laħam**. Ġejt infurmat li l-ħanut tiegħi jrid jiġi **approvat u jrid jikkonforma mar-regoli kollha tal-UE**. Tista' tagħtini pariri dwar liema rekwiżiti għandi nissodisfa sabiex nikkonforma ma' din il-leġiżlazzjoni?”*

TWEĠIBA:

Ma hemm l-ebda definizzjoni ta' “ħanut tal-laħam” fir-Regolamenti dwar l-Iġjene. Ir-regoli tal-UE dwar l-iġjene japplikaw skont l-attivitajiet li fil-fatt jitwettqu fl-istabbilimenti.

Għall-ewwel, jeħtieġ li tivverifika jekk hemmx bżonn li tkun sempliċement **irreġistrat jew approvat**. (Reġistrazzjoni tfisser li trid tibgħat informazzjoni lill-awtorità kompetenti dwar l-istabbiliment/l-attivitajiet tiegħek, iżda tkun tista' tibda l-attività tiegħek minnufih; approvazzjoni tfisser li, wara talba bħal din, l-awtorità kompetenti trid iżżur u tapprova qabel ma inti tkun tista' tibda l-operazzjonijiet) Stabbilimenti li huma magħrufin b'mod komuni bħala “ħwienet tal-laħam”, li jfornu biss laħam jew prodotti tal-laħam direttament lill-konsumatur finali (mingħajr tbiċċir tal-annimali), jitqiesu bħala stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu rreġistrati biss. L-approvazzjoni ta' tali ħwienet ma hijiex meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu approvazzjoni fuq bażi nazzjonali f'konformità mal-miżuri nazzjonali tagħhom. L-eżistenza ta' tali miżuri nazzjonali għandha tiġi vverifikata mal-awtorità kompetenti.

It-tieni, japplikaw ċerti **rekwiżiti tal-UE għall-ħwienet tal-laħam**.

Huma applikabbli rekwiżiti ġenerali ta' iġjene inklużi l-proċeduri bbażati fuq l-HACCP. Għandu jiġi mfakkar li speċjalment fi ħwienet żgħar, il-proċeduri bbażati fuq l-HACCP jistgħu jiġu implimentati b'mod flessibbli. Ġie żviluppat Dokument ta' gwida speċifiku b'kollaborazzjoni tal-Istati Membri kollha u tal-Kummissjoni sabiex jipprovdi gwida dwar il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP fin-negozji tal-ikel fil-livell tal-bejgħ bl-imnut.

Id-Dokument ta' gwida jista' jinstab fuq il-paġna li ġejja tas-sit web tad-DĠ SANTE u f'Il-Ġurnal Uffiċjali fuq:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C:2020:199:TOC> Barra minn hekk, f'xi **Stati Membri ġew żviluppjati gwidi nazzjonali għal prattika tajba** mis-setturi tal-ikel u dawn ġew ivvalutati mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-gwidi jistgħu jintużaw fuq bażi volontarja u jistgħu jservu bħala għodda tajba u prattika għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-iġjene fin-negozji tal-ikel. Il-gwidi nazzjonali kollha għal prattika tajba jintbagħtu fir-reġistru li huwa mmexxi mill-Kummissjoni. Ir-reġistru huwa ppubblikat fuq is-sit web tad-DĠ SANTE fl-indirizz li ġej:

<https://webgate.ec.europa.eu/dyna2/hygienelegislation/>

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà u jadottaw miżuri nazzjonali sabiex **jadattaw ir-reqwiziti dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir għall-ħwienet tal-laħam.**

Mistoqsija 5:

*“Għandi farm bil-ħnieżer u l-ifrat. Barra minn hekk, nixtieq **niskarna annimali għall-ħanut tal-laħam tiegħi fil-farm**, nipproduċi l-laħam u xi prodotti tradizzjonali tal-laħam u nbigħ dawn il-prodotti direttament fil-ħanut tiegħi lill-konsumaturi. Il-kapaċità tal-farm tiegħi hija verament żgħira, u l-prodotti kollha tiegħi se jintbagħtu biss lill-ħanut tiegħi. Naħseb li l-bini tiegħi għandu jikkonforma biss mar-reqwiziti għall-ħwienet tal-laħam. Qed ngħid tajjeb?”*

TWEĠIBA:

Trid tikkonforma mar-reqwiziti dwar il-ħwienet tal-laħam spjegati fil-mistoqsija 4.

Madankollu, l-attivitajiet primarji tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-immnut biss ma għandhomx għalfejn jiġu approvati skont ir-Regolamenti dwar l-Iġjene. L-iskarnar tal-annimali ma huwiex produzzjoni primarja u ma jistax jitqies bħala bejgħ bl-immnut. **L-attivitajiet ta' skarnar fil-farm** iridu jitwettqu f'konformità mar-regoli ġenerali xierqa tal-UE dwar l-iġjene u mar-regoli speċifiċi tal-UE dwar l-iġjene għall-biċċeriji. Il-faċilitajiet tal-iskarnar fir-razzett iridu jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

Kemm jekk fil-farm kif ukoll jekk le, il-faċilitajiet tal-iskarnar dejjem iridu jiġu approvati mill-awtorità kompetenti u jridu jikkonformaw mar-reqwiziti għall-biċċeriji jekk **l-attivitajiet tal-iskarnar jitwettqu minn operaturi li jmexxu l-ħwienet tal-laħam.**

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà u jadottaw miżuri nazzjonali sabiex jadattaw ir-reqwiziti dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir għal dawn l-istabbilimenti. L-eżistenza ta' tali miżuri nazzjonali għandha tiġi vverifikata mal-awtorità kompetenti.

Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi, tista' tingħata permiss li tistordi u tiżvina ċerti annimali fil-farm f'konformità mal-Kapitolu VIa tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Mistoqsija 6:

*“Għandi **biċċerija b'kapaċità żgħira** u impjant tat-tqattigħ magħha. Naħseb li huwa diffiċli ħafna u mhux xieraq li l-istabbilimenti żgħar li jfornu l-laħam biss lokalment ikunu meħtieġa jikkonformaw ma' regoli stretti tal-UE.”*

TWEĠIBA:

Fl-2004 ġie miftiehem mal-Istati Membri li l-istabbilimenti kollha (inklużi l-biċċeriji żgħar u l-impjanti tat-tqattigħ) jistgħu jqiegħdu l-ikel fis-suq Komunitarju dment li dawn ikunu ġew approvati f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Iġjene.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-flessibbiltà pprovduta fir-Regolamenti dwar l-Iġjene u, jekk ikun meħtieġ, jadattaw ir-reqwiziti fl-Annessi tar-Regolamenti dwar l-Iġjene għal dan it-tip ta' stabbiliment – pereżempju l-adattament tar-reqwiziti għall-kostruzzjoni, għat-tqassim u għat-tagħmir.

Dan ifisser li sabiex ikompli joperaw, jistgħu jiġu introdotti ċerti adattamenti tar-rekwiżiti, li għandhom jiġu abbozzati bħala miżuri nazzjonali u nnotifikati mill-awtoritajiet kompetenti.

L-eżistenza ta' tali regoli għandha tiġi vverifikata mal-awtorità kompetenti.

2.3. Ħalib u prodotti tal-ħalib

Mistoqsija 7:

“Għandi farm żgħira (10 baqriet) u nixtieq inbigħ ħalib (mhux ipproċessat) fil-farm u lill-ħanut fil-qrib. X'rekwiżiti għandi nikkonforma magħhom?”

TWEĠIBA:

Il-ħalib u l-ħżin tal-ħalib fil-farm jitqiesu bħala produzzjoni primarja u l-ħalib ipproċessat jitqies bħala prodott primarju. Għalhekk, hija possibbli esklużjoni mir-rekwiżit tal-UE skont ċerti kundizzjonijiet.

Il-kundizzjonijiet għall-esklużjoni mir-rekwiżiti tal-UE fil-każ ta' provvista diretta ta' ħalib mhux ipproċessat huma:

- Il-ħalib mhux ipproċessat jiġi kkonsenjat mill-bidwi, jew
- Il-ħalib mhux ipproċessat jiġi kkonsenjat direttament lill-konsumatur finali jew lill-ħanut lokali tal-bejgħ bl-innut, u
- Il-ħalib mhux ipproċessat jiġi kkonsenjat fi kwantitajiet żgħar.

Jekk il-ħalib mhux ipproċessat jiġi kkonsenjat fi kwantitajiet żgħar direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-innut li jforni direttament dan il-ħalib lill-konsumatur finali, tali attività tiġi eskluża mir-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tal-iġjene tal-UE. Ma hija meħtieġa l-ebda approvazzjoni. Madankollu, għal dawn l-attivitajiet iridu jiġu adottati miżuri nazzjonali fl-Istati Membri. Fil-każ li ma jkunux ġew adottati regoli nazzjonali jew l-attività tiegħek ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-livell nazzjonali, japplikaw rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tal-UE dwar l-iġjene.

Barra minn hekk, il-ħalib mhux ipproċessat irid, mingħajr eċċezzjoni, jiġi minn merħliet ta' annimali bovini, inklużi bufli, annimali ovini u kaprini li huma f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi bovina, mill-bruċellożi ovina u kaprina u mit-tuberkulożi bovina.

Għalhekk, bħala bidwi, għandek tiċċekkja:

- Jekk il-miżuri nazzjonali għall-provvista diretta ta' ħalib mhux ipproċessat ġewx adottati fl-Istat Membru tiegħek;
- X'jitqies bħala kwantità żgħira fl-Istat Membru tiegħek u jekk għandekx permess tuża din il-possibbiltà;
- X'inhuma r-regoli applikabbli fl-Istat Membru tiegħek.

Mistoqsija 8:

“Għandi farm bil-baqar u niproduċi ġobon fil-farm tiegħi. Nixtieq inbigħ il-ġobon tiegħi fil-farm jew fil-ħanut lokali. Ma liema regoli tal-UE għall-iġjene tal-ikel għandi nikkonforma?”

TWEĠIBA:

Fil-prinċipju, il-ġobon huwa r-riżultat tal-ipproċessar ta' ħalib mhux ipproċessat jew ittrattat bis-sħana. Għalhekk, il-ġobon ma huwiex prodott primarju, anke meta jsir fil-farm.

B'konsegwenza ta' dan, il-produzzjoni tal-ġobon fil-farm fil-prinċipju trid tikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi xierqa tal-UE dwar l-iġjene tal-ikel u **hija meħtieġa approvazzjoni**.

Madankollu, meta l-ġobon jiġi manifatturat u mibjuġh kompletament fil-farm jew f'suq lokali (eż. suq ta' kull ġimgħa, suq tal-bdiewa eċċ.) direttament lill-konsumaturi finali, din l-attività hija koperta mill-kunċett ta' bejgħ bl-innut. Għalhekk huma applikabbli biss rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u f'dan il-każ ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibilità u jadottaw miżuri nazzjonali sabiex **jadattaw ir-rekwiżiti dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir** għal dawn l-istabbilimenti. L-eżistenza ta' tali miżuri nazzjonali għandha tiġi vverifikata mal-awtorità kompetenti.

Il-prodotti tal-ħalib mhux ipproċessat iridu jiġu minn merħliet ta' annimali bovini, inklużi bufli, annimali ovini u kaprini li huma konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi bovina, mill-bruċellożi ovina u kaprina u mit-tuberkulożi bovina. Madankollu peress li hemm derogi għall-ġobon tal-ħalib mhux ipproċessat b'perjodu ta' maturazzjoni ta' aktar minn xahrejn, għandek tikkuntattja lill-awtorità kompetenti tiegħek.

2.4. Għasel

Mistoqsija 9:

“Jien inrabbli n-naħal u nbigħ għasel mill-produzzjoni tiegħi stess lill-konsumatur finali. Fil-futur nixtieq nipprovdli l-għasel tiegħi lil stabbiliment fejn l-għasel jiġi ppakkjat u fornut lill-ħwienet madwar pajjiżi kollu. Hemm xi differenza fir-rekwiżiti li għandi nikkonforma magħhom?”

TWEĠIBA:

It-trobbija tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel jitqiesu bħala produzzjoni primarja u l-għasel jitqies bħala prodott primarju. Għalhekk, l-esklużjoni mir-Regolamenti dwar l-Iġjene taqa' taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-provvista diretta tal-għasel hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene jekk ikunu ġew applikati l-prinċipji li ġejjin:

- L-għasel jiġi kkonsenjat mill-produttur, jew
- L-għasel jiġi kkonsenjat direttament lill-konsumatur finali jew lill-ħanut lokali tal-bejgħ bl-innut li jforni direttament lill-konsumatur finali, u
- L-għasel jiġi kkonsenjat fi kwantitajiet żgħar.

Dan ifisser li jekk l-għasel jiġi manifatturat u mibjuġh kompletament fil-farm jew f'suq lokali (eż. suq ta' kull ġimgħa, suq tal-bdiewa eċċ.), fi kwantitajiet żgħar direttament lill-konsumaturi finali, ir-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tal-iġjene tal-UE ma japplikawx u ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni. Għal dawn l-attivitajiet iridu jiġu adottati miżuri nazzjonali fl-

Istati Membri. Fil-każ li ma jkunux ġew adottati regoli nazzjonali jew l-attività tiegħek ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-livell nazzjonali, japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-UE dwar l-iġjene.

Għalhekk, għandek tiċċekkja:

- Jekk il-miżuri nazzjonali għall-provvista diretta tal-għasel ġewx adottati fl-Istat Membru tiegħek;
- X'jitqies bħala kwantità żgħira ta' għasel fl-Istat Membru tiegħek u jekk għandekx permess tuża din il-possibbiltà;
- Liema regoli huma applikabbli għalik.

F'każ li tkun tixtieq ukoll **tikkonsenja l-għasel lil stabbiliment fejn jiġi ppakkjat l-għasel** (jew imħallat ma' għasel ieħor u ppakkjat) u mbagħad **jiġi kkonsenjat lil ħwienet tal-bejgħ bl-innut, is-sitwazzjoni** ssir differenti. Peress li l-istabbiliment tal-ippakkjar ma huwiex ħanut tal-bejgħ bl-innut, ir-regoli għall-provvista diretta ta' kwantitajiet żgħar ta' għasel (ara hawn fuq) ma humiex applikabbli.

Ir-rekwiżiti ġenerali tal-UE dwar l-iġjene huma applikabbli għall-attivitajiet tiegħek bħala fornitur tal-għasel għal tali stabbiliment.

2.5. Frott u ħxejjex

Mistoqsija 10:

“Inħobb immur fil-foresta biex niġbor il-mirtilli u l-faqqiegħ. Nixtieq inbigħhom lill-konsumaturi fis-suq lokali. Japplikaw xi regoli tal-UE dwar l-iġjene dwar dan?”

TWEĠIBA:

Il-ħsad tal-frott artab u tal-faqqiegħ fis-selvaġġ u t-trasport tagħhom lejn is-suq lokali huma meqjusin bħala produzzjoni primarja u l-mirtilli u l-faqqiegħ huma meqjusin bħala prodotti primarji. Għalhekk, hija possibbli esklużjoni mir-rekwiżit tal-UE skont ċerti kundizzjonijiet.

Il-provvista diretta ta' mirtilli u faqqiegħ, kif ukoll ta' frott u ħxejjex oħra, hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene jekk ikunu ġew applikati l-prinċipji li ġejjin:

- Il-mirtilli u l-faqqiegħ (mhux ipproċessati) jiġu kkonsenjati mill-persuna li tkun ħasdithom, jew
- Dawn il-prodotti jitwasslu direttament lill-konsumatur finali jew lill-ħanut lokali tal-bejgħ bl-innut, u
- Dawn il-prodotti jiġu kkonsenjati fi kwantitajiet żgħar.

Jekk il-prodotti primarji jiġu kkonsenjati mill-produttur (f'dan il-każ il-persuna li tkun ħasdithom fis-selvaġġ), fi kwantitajiet żgħar direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-innut li jforni direttament dawn il-prodotti lill-konsumatur finali, tali attività hija eskluża mir-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene tal-UE. Għal dawn l-attivitajiet iridu jiġu adottati miżuri nazzjonali fl-Istati Membri. Fil-każ li ma jkunux ġew adottati regoli nazzjonali jew l-attività tiegħek ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-livell nazzjonali, japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-UE dwar l-iġjene.

Għalhekk, għandek tiċċekkja:

- Jekk il-miżuri nazzjonali għall-provvista diretta ta' dawn il-prodotti ġewx adottati fl-Istat Membru tiegħek;
- X'jitqies bħala kwantità żgħira fl-Istat Membru tiegħek u jekk għandekx permess tuża din il-possibbiltà;
- Liema regoli huma applikabbli għalik.

Għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li f'xi Stati Membri jista' jkun hemm stabbiliti regoli nazzjonali dwar il-kwalità ta' dawn il-prodotti kif ukoll għal taħriġ obligatorju lil persuni li jaħsdu dawn il-prodotti u li jpoġġuhom fis-suq flimkien mar-regoli tal-iġjene.

Mistoqsija 11:

“Jien bidwi żgħir u nipproduċi meraq u ġamm mill-frott li naħsad. Nixtieq inbigħhom lill-ħwienet fir-reġjun tiegħi. Dan possibbli?”

TWEĠIBA:

Jekk farm juża l-ħsad tiegħu jew parti mill-ħsad tiegħu (eż. tuffieħ jew għanbaqar) biex jipproduċi meraq jew ġamm tal-frott fil-bini tiegħu għall-bejgħ, tali farm jaqbeż il-livell tal-produzzjoni primarja. L-attività tal-produzzjoni tal-meraq jew tal-ġamm tal-frott għandha titqies bħala attività wara l-produzzjoni primarja u għalhekk hija soġġetta għar-rekwiżiti ġenerali xierqa tal-iġjene tal-UE.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà u jadottaw miżuri nazzjonali sabiex jadattaw ir-rekwiżiti dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir għal dawn l-istabbilimenti. L-eżistenza ta' tali miżuri nazzjonali għandha tiġi vverifikata mal-awtorità kompetenti.